**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju Parrokkjali tel. 21551649 • www.nadurparish.com • nadurparish@churchingozo.mt / nadurparishoffice@gmail.com*

**23 ta' Awwissu 2026**

# Ringrazzjament speċjali

Matul din il-ġimgħa kellna żewġ okkażjonijiet kbar ta' fundraising li kienu tassew suċċess, grazzi għall-preżenza numeruża tagħkom u għall-ħidma organizzattiva tal-għaqdiet kollha tal-parroċċa. Tassew inħolqot atmosfera sabiħa quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali biswit il-Bażilika maestuża tagħna, nhar it-Tnejn u l-Erbgħa filgħaxija għat-Tombla u l-BBQ.

Grazzi għall-inizzjattiva u l-kollaborazzjoni sħiħa tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, għall-membri tal-Għaqdiet tal-parroċċa: tan-nar S.Pietru u S.Pawl u tal-armar (tal-Pjazza, Triq il-Kappillan, Triq Xandriku, Triq S.Ġwann, Triq Diċembru 13 u Triq il-Knisja), taż-Żgħażagħ Imnarja, is-Soċjetà tal-Banda Mnarja u l-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira li lkoll taw sehemhom flimkien sabiex jirnexxu dawn l-attivitajiet tagħna. Grazzi speċjali lil StageTech u lit-tim kollu u l-ħbieb ta' Anġlu's Bar.

L-għaqda bejnietna tassew kompliet tkabbar u ssebbaħ il-ħidma tagħna! Il-Mulej ibierek il-ġenerożità tagħkom u jagħtina li ngawdu mill-frott ta' xogħol idejna!



## BEDA X-XOGĦOL FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA!

Bdejna bil-mod, imma bdejna. Veru li x-xogħol kellu jimxi ħafna bil-mod minħabba li s-sħana qawwija tax-xemx ta' bħalissa kkumplikat it-tneħħija tal-qatran il-qadim. Imma bil-għajnuna t'Alla s'issa tlestiet il-parti kollha ta' fuq il-kor, fejn għadu kemm sar ir-restawr tal-pasta fis-saqaf minn ġewwa. Hemm kienet l-aktar parti li fiha konna qed nistennew ħsarat, u hekk kien. Ġie ssiġġillat l-qsim fil-bejt u ngħalqu x-xquq kollha fi 3 interventi, imbagħad ingħatat ix-xibka tal-fibre u l-ewwel kisja tal-membrane.

Neħtieġu iktar għajnuna sew dik finanzjarja li se nagħtukom rendikont tagħha fil-ħarġa tal-gazzetta tan-Nadur li jmiss; u issa qed nitolbu anki xi ftit għajnuna fix-xogħol biex ma niħdux ħafna fit-tul.

Min jista' jagħti daqqa t'id, fit-tindif tal-bejt jew fil-ġarr tal-materjal, jista' jkellem lill-Arċipriet billi jċempel 79277239.

## GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA

Infakkrukom f'dawn il-ġranet imniżżla hawn taħt u nħeġġu lil kull min jista' jagħti d-demm sabiex ifittex jgħin f'din l-opra ta' karità li sservi ħafna ta' ġid.Tinsewx tieħdu magħkom il-karta tal-identità.

Il-Ħadd 23 t'Awwissu mit-8.00am sas-1.00pm
It-Tlieta 1 ta' Settembru mis-1.00pm sal-5.00pm
Il-Ħadd 6 ta' Settembru mit-8.00am sas-1.00pm
It-Tlieta 15 ta' Settembru mis-1.00pm sal-5.00pm
Il-Ħadd 20 ta' Settembru mit-8.00am sas-1.00pm
It-Tlieta 29 ta' Settembru mis-1.00pm sal-5.00pm



## IL-ĦIN TAL-QUDDIES

BAŻILIKA. **Fost il-ġimgħa**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.
**Ħdud u festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.
KAPPELLA TAS-SORIJIET. **Fost il-ġimgħa**: 7.00am. **Ħdud:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż).
KNISJA QALB TA' ĠESÙ. **Fost il-ġimgħa**: 11.00am. **Ħdud:** 7.00am.
KAPPELLA S. TEREŻA TA' KALKUTTA (TA' KENUNA). **Ħdud:** 7.30am.

# A Special Word of Thanks

During this week, we held two major fundraising events that were truly successful, thanks to your strong attendance and to the organisational efforts of all the parish associations. A wonderful atmosphere was created in front of the Parish Centre, next to our magnificent Basilica, on Monday and Wednesday evening for the Tombola and BBQ.

Thank you to the Nadur Local Council for its initiative and full collaboration, and to the members of the parish associations: the St Peter and St Paul Fireworks Association and the various street-decoration groups (Pjazza, Triq il-Kappillan, Triq Xandriku, Triq San Ġwann, Triq Diċembru 13 and Triq il-Knisja), the Żgħażagħ Imnarja, the Mnarja Band Club, and the Good Friday Committee. They all contributed together to ensure the success of these activities. A special thank you to StageTech and the entire team, as well as to the friends at Anġlu's Bar. Our unity truly continued to strengthen and beautify the work we are doing! May the Lord bless your generosity and grant us the joy of enjoying the fruits of the work of our hands!



## THE WORK ON THE CHURCH ROOF HAS BEGUN!

We started slowly, but we have started. It is true that the work has had to proceed very slowly because the intense heat from the sun at this time of year has made the removal of the old tar more difficult. But, with God's help, so far the entire section above the choir has been completed, where the plaster on the ceiling inside the church has just been restored. This was the area where we were expecting the most damage, and that was indeed the case. The cracks in the roof were sealed and all the fissures were closed in three stages. The fibre mesh was then applied, followed by the first coat of the membrane.

We need further assistance, particularly financial support, for which we will provide an account in the next issue of the *Nadur newspaper*. We are now also appealing for some help with the actual work, so that the project does not take too long. Anyone who can lend a hand with cleaning the roof or carrying materials can contact the Archpriest by calling **7927 7239**.

### Blood Donation at the Xewkija Health Centre

We would like to remind you of the dates listed below and encourage everyone who is able to donate blood to do their part in this charitable cause, which provides great benefit to others.

**Don't forget to bring your ID card with you.**

**Sunday, 23 August:** 8:00am – 1:00pm
**Tuesday, 1 September:** 1:00pm – 5:00pm
**Sunday, 6 September:** 8:00am – 1:00pm
**Tuesday, 15 September:** 1:00pm – 5:00pm
**Sunday, 20 September:** 8:00am – 1:00pm
**Tuesday, 29 September:** 1:00pm – 5:00pm



### HOLY MASS TIMES

BASILICA. **Weekdays**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.

**Sundays & Feastdays:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.

FRANCISCANS' CHAPEL. **Weekdays**: 7.00am. **Sundays:** 6.15am; 10.00am (in English).

SACRED HEART CHURCH. **Weekdays**: 11.00am. **Sundays:** 7.00am.

ST. THERESA OF CALCUTTA (TA' KENUNA) CHAPEL. **Sundays:** 7.30am.